MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 347/2009

Kawza fil-Lista: 55

**A R**
**vs**
**Y I T C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-kontendenti zzewgu fit-22 ta’ Jannar 2000; li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjl jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjl taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wahda jew iktar tal-elementi essenzjl tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta; illi ghalhekk iz-

zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; ghalhekk l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Jannar 2000;

Rat li l-konvenut ipprezenta r-riposta guramentata tieghu fejn huwa qabel li z-zwieg fil-ligi kontrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Jannar 2000 huwa null u bla effett izda dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici li fil-fatt telqet minn Malta u abbandunat iz-zwieg; li ghalhekk huwa m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjI fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-imsemmija data, huwa null fil-ligi skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**
Illi l-partijiet iltaqghu hawn Malta tramite xi hbieb komuni. Huma kienu johorgu flimkien u jiehdu pjacir fil-kumpanija ta' xulxin. Wara ftit taz-zmien, il-konvenut kien talab lill-attrici biex jizzewgu. Hija ghall-bidu kienet irrifjutat izda wara li huwa baqa' jinsisti, hija cediet u accettat. Dana minkejja li l-attrici dejjem kellha l-hsieb li tmur tirrisjedi gewwa l-Ingilterra u tistudja hemmhekk.

Fil-fatt, wara z-zwieg l-attrici bdiet tippjana biex tmur l-Ingilterra izda l-konvenut, allura zewgha, irrifjuta li jmur maghha. Huwa ried li jibqa' hawn Malta biex jibnu familja, xi haga li l-attrici ma riditx. Ghalhekk huma sseparaw.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi jirrizulta li l-attrici qatt ma kellha l-intenzjoni li tghix il-hajja konjugI mal-konvenut stante illi hija dejjem kellha l-intenzjoni li tmur tirrisjedi barra minn Malta kif fil-fatt ghamlet. Inoltre huwa manifest li hija eskludiet il-

prokreazzjoni tal-ulied miz-zwieg, minkejja li l-konvenut xtaq illi huma jkollhom familja. Ghalhekk ghalkemm esternament hija ghaddiet minn cerimonja ta' zwieg, izda internament u b'att pozittiv tal-volonta` taghha hija eskludiet obbligi essenzjI ghall-hajja konjugI u senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproka, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu (f) ta' l-artikolu precitat, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntratatt bejn il-partijiet fit-22 ta' Jannar 2000.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------